



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 136/24

il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-351/22 | Neves 77 Solutions

Miżuri restrittivi kontra r-Russja: il-konfiska tar-rikavat kollu minn tranżazzjoni koperta mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija għal tagħmir militari hija permessa

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha barra minn hekk ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta miżura ta' portata ġenerali ta' deċiżjoni PESK li kellha tiġi implimentata f'regolament u li sservi bħala bażi għal miżura nazzjonali ta' sanzjoni

Il-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija għal tagħmir militari lil operatur fir-Russja li hija fil-bażi tal-miżura nazzjonali ta' sanzjoni kellha tiġi implimentata f'regolament. Din il-projbizzjoni tapplika anki jekk dan it-tagħmir qatt ma jkun ġie importat fi Stat Membru. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti l-konfiska tas-somom kollha miġbura inkambju għall-provvista ta' tali servizzi.

Neves 77 Solutions SRL (Neves), kumpannija Rumena fis-settur aeronawtiku, serviet bħala intermedjarju fi tranżazzjoni bejn impriża Ukraina, SFTE Spetstechnoexport, u impriża Indjana għall-bejgħ ta' 32 sett tar-radju, fosthom 20 immanifatturati r-Russja. L-awtoritajiet Rumeni informaw lil Neves, fis-sajf tal-2019, li l-attivitajiet ta' senserija marbuta ma' dawn il-prodotti kienu koperti mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti, lil operatur fir-Russja, servizzi ta' senserija marbuta ma' tagħmir militari, adottata mill-Unjoni bi tweġiba għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.

Madankollu, ftit wara Neves irċeviet kważi EUR 3 miljuni mingħand SFTE Spetstechnoexport għall-provvista tas-servizzi ta' senserija tagħha. Dan wassal lill-awtoritajiet Rumeni jimponu fuq Neves multa ta' 30 000 lei (madwar EUR 6 000) u jikkonfiskaw is-somma miġbura għal dawn is-servizzi.

Qorti Rumena staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din il-projbizzjoni kinitx tapplika meta t-tagħmir militari kkonċernat qatt ma jkun ġie importat fl-Unjoni u jekk is-sanzjonijiet nazzjonali imposti għall-ksur ta' din il-projbizzjoni kinux kompatibbli mad-dritt għall-proprietà tal-impriża kkonċernata.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-**ġurisdizzjoni** tagħha sabiex tinterpreta dispożizzjoni ta' portata ġenerali ta' deċiżjoni PESK li fuqha jkunu bbażati miżuri nazzjonali ta' sanzjoni imposti fuq impriża. Fil-fatt, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tiġi evitata fl-ipoteżi fejn, bħal f'dan il-każ, il-miżura restrittiva ta' portata ġenerali kkonċernata kellha tiddaħħal f'regolament, li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja għandha fi kwalunkwe każ ġurisdizzjoni.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-projbizzjoni** li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir militari lil operatur fir-Russja **tapplika anki jekk dawn il-prodotti qatt ma jkunu ġew importati fi Stat Membru**. Fil-fatt, tali projbizzjoni tkun tista' faċilment tiġi evitata jekk ikun biżżejjed, sabiex tiġi evitata, li dan it-tagħmir jgħaddi minn tranżitu mingħajr ma jgħaddi mit-territorju tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li d-dritt tal-Unjoni **jippermetti l-konfiska awtomatika tas-somom miġbura**

kollha b'rabta mal-provvista, lil operatur fir-Russja, **ta' servizzi ta' senserija** li jikkonċernaw tagħmir militari. Ċertament, dan jillimita d-dritt għall-proprjetà tal-fornitur fuq dawn is-somom. Madankollu, tali limitazzjoni hija xierqa sabiex tiżgura l-effettività tal-projbizzjoni inkwistjoni u, għaldaqstant, bħala prinċipju proporzjonata fid-dawl tal-għanijiet leġittimi mfittxija mill-Unjoni, jiġifieri li jiġu protetti l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

